



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14459/21
ADD 3

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0422(COD)**

JAI 1316
COPEN 428
ENV 975
DROIPEN 156
CODEC 1558
IA 213

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Diċembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 466 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 466 final.

Mehmuż: SWD(2021) 466 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2021
SWD(2021) 466 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva
2008/99/KE

{COM(2021) 851 final} - {SEC(2021) 428 final} - {SWD(2021) 465 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-Impatt għar-rieżami tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali (id-Direttiva 2008/99/KE)
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Din il-valutazzjoni tal-impatt issewwi l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali (ECD). Ir-reati ambjentali jħallu impatti ekoloġiċi, soċjali u ekonomiċi negattivi, u huma r-raba' l-aktar qasam tal-kriminalità li jrendi fid-dinja, u l-qliġ totali għall-kriminali huwa stmat li huwa madwar USD 260 biljun fis-sena. L-ECD huwa l-istrument orizzontali ewlieni tal-UE għall-ħarsien tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali. L-evalwazzjoni – li ġiet iffinalizzata fl-2020 – uriet li l-ECD stabbiliet qafas komuni tal-UE ta' kategoriji ta' reati ambjentali ewlenin, iżda li fil-prattika din ma kellha l-ebda effett. L-ECD ma żiditx l-għadd ta' kundanni jew il-livell ta' sanzjonijiet imposti fl-Istati Membri. L-evalwazzjoni identifikat il-problemi speċifiċi ewlenin li ġejjin: 1) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ECD (definit f'żewġ annessi tal-ECD u f'lista ta' reati fl-Artikolu 3 tal-ECD) huwa skadut u huwa ddefinit b'mod kumpless, u jxekkel l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet, u l-kooperazzjoni transfruntiera effettivi. 2) Id-definizzjonijiet ta' x'inhu reat ambjentali mhumiex ċari, u jxekklu l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-kooperazzjoni transfruntiera effettivi bejn u fi ħdan l-Istati Membri. 3) Il-livelli tas-sanzjonijiet mhumiex effettivi u dissważivi fl-Istati Membri kollha. 4) Il-kooperazzjoni transfruntiera hija limitata wisq. 5) Min ifassal il-politika u l-prattikanti ma għandhomx biżżejjed kuxjenza dwar in-natura u l-iskala tar-reati ambjentali u l-effettività tal-miżuri ta' infurzar minħabba l-ġbir, l-ipproċessar u l-qsim limitati tad-<i>data</i> statistika. 6) Hemm katina ta' infurzar ineffettiva kontra r-reati ambjentali, fost l-oħrajn minħabba nuqqas ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni, u koordinazzjoni u kooperazzjoni insuffiċjenti bejn il-livelli differenti tal-infurzar tal-liġi ambjentali.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
L-inizjattiva għandha l-għan li tikseb protezzjoni aħjar tal-ambjent permezz ta' qbid, investigazzjoni, prosekuzzjoni u sanzjonar aktar effettivi tar-reati ambjentali. Aktar speċifikament, l-oġettivi huma li: 1) tittejjeb l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet billi jiġi aġġornat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u billi jiġi inkluż mekkaniżmu fattibbli u sempliċi biex id-Direttiva tinżamm aġġornata; 2) tittejjeb l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet billi jiġu ċċarati jew eliminati termini vagi użati fid-definizzjonijiet tar-reati ambjentali fl-Artikolu 3; 3) jiġu żgurati tipi u livelli ta' sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati għar-reati ambjentali; 4) tittejjeb l-effettività tal-kooperazzjoni transfruntiera rigward ir-reati ambjentali; 5) jittejjeb it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat dwar ir-reati ambjentali permezz ta' ġbir u qsim imtejbin tad-<i>data</i> statistika; u 6) tittejjeb l-effettività tal-ktajjen tal-infurzar nazzjonali (investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, u sanzjonar).
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Ir-reati ambjentali, bħal forom serji tat-tniġġis tal-ilma u tal-arja, it-tniġġis marittimu u t-traffikar ta' sustanzi kimiċi, skart u haġja selvaġġa tipikament ikollhom effetti transfruntiera. Il-ġlieda kontra dawn ir-reati transfruntiera teħtieġ li madwar l-UE jkun hemm uniformità tad-definizzjoni tar-reati ambjentali u tas-sanzjonijiet. Din tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri rilevanti. L-awturi tar-reati, inklużi trasgressuri korporattivi, ma jkunux jistgħu jibqgħu bla kastig billi, pereżempju, jagħżlu li joperaw mill-Istati Membri bl-aktar leġiżlazzjoni laxka.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex le?

Il-Kummissjoni żviluppat għadd ta' għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi. L-għażliet li ġejjin ġew meqjusa u mwarrba fi stadju bikri: (1) li tiġi id-Direttiva; jew (2) li l-problemi identifikati jiġu indirizzati permezz ta' miżuri mhux vinkolanti biss, bħal gwida tal-UE dwar l-interpretazzjoni tad-definizzjonijiet u l-livelli ta' sanzjonijiet.

Abbażi tal-valutazzjoni, l-unika għażla realistika biex jinkisbu l-oġettivi speċifiċi identifikati hija li ssir reviżjoni tad-Direttiva. Din ma tkunx teskludi miżuri ta' appoġġ li mhumiex leġislattivi ("l-għażla ewlenija"). Taħt din l-għażla ta' politika ewlenija, l-għażliet sussidjarji li ġejjin ("għażliet") ġew identifikati u vvalutati bid-dettalji kollha fil-valutazzjoni tal-impatt sabiex kull oġettiv speċifiku jiġi indirizzat.

Objettiv 1

- Għażla 1a: Tiġi aġġornata l-lista eżistenti ta' leġislazzjoni fl-annessi, jiżdedu kategoriji ġodda ta' reati rilevanti fl-Artikolu 3; tiġi introdotta l-proċedura ta' komitoloġija biex l-annessi jinżammu aġġornati.
- Għażla 1b: Issir referenza għal-leġislazzjoni settorjali f'termini ġenerali u jitneħħew l-annessi; tiġi rfinata d-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi reat ambjentali fir-reati tal-Artikolu 3, u jiżdedu kategoriji ġodda ta' reati rilevanti.
- Għażla 1c: Fid-Direttiva, ir-reati ambjentali jiġu definiti mingħajr ir-rekwiżit ta' ksur tal-leġislazzjoni settorjali rilevanti tal-UE.

L-għażla ppreferuta hija l-għażla 1b, minħabba li żżid iċ-ċarezza legali dwar liema ksur tal-leġislazzjoni settorjali jikkostitwixxi reat ambjentali. Fil-futur, id-Direttiva – kif inhu l-każ illum – trid tiġi aġġornata mil-leġislatur Ewropew, minħabba li mekkaniżmu aktar sempliċi, jiġifieri l-proċedura tal-komitoloġija, mhuwiex applikabbli għal komponenti essenzjali tad-Direttiva. Id-definizzjoni tar-reati ambjentali hija komponent essenzjali.

Objettiv 2

- Għażla 2a: Definizzjoni aktar preċiża ta' termini li fid-Direttiva mhumiex ċari (pereżempju "ksur sostanzjali").
- Għażla 2b: Jiġu eliminati termini vagi, bħal pereżempju "ksur sostanzjali", u tiġi kriminalizzata l-"imġiba riskjuża" (kriminalità tal-ipperikolar).
- Għażla 2c: Kombinazzjoni tal-għażliet 2a u 2b.

L-għażla ppreferuta hija l-għażla 2c.

Objettiv 3

- Għażla 3a: Jiġu introdotti livelli minimi u massimi tas-sanzjonijiet.
- Għażla 3b: L-għażla 3a flimkien ma' ċirkustanzi aggravanti u sanzjonijiet aċċessorji.
- Għażla 3c: L-għażla 3b flimkien ma' obbligu biex il-livell tal-multi jiġi konness mas-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuni ġuridiċi u/jew qligħ illegali.

L-għażla ppreferuta hija l-għażla 3c.

Objettiv 4

Pakkett ta' dispożizzjonijiet li jrawmu direttament il-kooperazzjoni transfruntiera, bħal għodod investigattivi effettivi armonizzati, obbligu ta' kooperazzjoni permezz tal-Europol, Eurojust u OLAF, u regoli dwar il-ġurisdizzjoni.

Objettiv 5

- Għażla 5a: L-Istati Membri jiġu obbligati jiġbru u jirrapportaw regolarment *data* statistika dwar ir-reati

ambjentali lill-Kummissjoni.

- Għażla 5b: L-għażla 5a, flimkien ma' obbligu li l-Istati Membri jgħid u jirrapportaw id-*data* statistika skont standards komuni armonizzati.

L-għażla ppreferuta hija l-għażla 5b.

Objettiv 6

Pakkett ta' obbligi biex irawmu l-implimentazzjoni prattika, bħall-provvediment ta' taħriġ immirat u regolari fil-livelli kollha tal-katina tal-infurzar, strateġiji globali nazzjonali kontra r-reati ambjentali, u miżuri ta' sensibilizzazzjoni.

X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati, bħal dawk li jaħdmu fl-infurzar tal-liġi u n-networks tagħhom fil-livell tal-UE, aġenziji tal-UE bħall-Eurojust u l-Europol, NGOs, Stati Membri, in-negozji u l-qasam akkademiku, jaqblu li l-ECD għandha bżonn tittejjeb u li hemm bżonn azzjoni min-naħa tal-UE. Huma jippreferu li ssir reviżjoni tal-ECD milli jiddaħħlu miżuri mhux vinkolanti jew li sempliċment jiġi aġġornat il-kamp ta' applikazzjoni tal-ECD. Il-partijiet ikkonċernati kważi kollha jaqblu mal-għażliet proposti taħt kull objettiv speċifiku, b'eċċezzjoni waħda rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-ECD (objettiv 1, għażla 1c – li ma ntgħażlitx bħala l-għażla ppreferuta, ara aktar 'il fuq). Din l-għażla tkun tiddefinixxi r-reati ambjentali fl-ECD indipendentement minn ksur tal-liġi amministrattiva. Madankollu, l-Istati Membri u l-akkademiċi li ġew ikkonsultati, kif ukoll għadd sinifikanti ta' partijiet ikkonċernati mill-industrija, iqisu li r-rabta bejn il-liġi kriminali u l-liġi amministrattiva hija meħtieġa biex tiġi żgurata ċ-ċertezza ġuridika għan-negozji li jimxu mal-leġiżlazzjoni settorjali. Partijiet ikkonċernati oħrajn huma favur li r-reati ambjentali jiġu diżakkopjati mil-leġiżlazzjoni settorjali, sabiex l-awturi tar-reati li jkunu kkawżaw ħsara ambjentali severa ħafna ma jkunux jistgħu jaħarbu mir-responsabbiltà kriminali.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, barra minn dawk ewlenin)?

Skont il-valutazzjoni, il-pakkett ta' għażliet preferut ikun effettiv biex jindirizza l-problemi ewlenin u biex jintlaħqu l-obiettivi ġenerali u speċifiċi. Il-kxif, investigazzjoni, prosekuzzjoni u sanzjonar aktar effettivi tar-reati ambjentali huma probabbli li jgħinu biex jitnaqqas l-impatt tar-reati ambjentali meta mqabbel max-xenarju bażi. Minħabba li d-*data* kwantitattiva dwar l-impatti hija limitata, l-impatt probabbli tal-għażliet huwa bbażat fuq il-fehmiet tal-esperti u l-partijiet ikkonċernati, u fejn possibbli huwa ssupplementat mid-*data*.

Taħt l-**objettiv 1**, it-tneħħija tal-annessi biex minflok tiġi rfinata d-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi reat ambjentali fl-Artikolu 3 u ż-żieda ta' kategoriji ġodda ta' reati ambjentali taħt l-istess artiklu aktarx ittejjeb l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tar-reati ambjentali, partikolarment fir-rigward tal-kooperazzjoni transfruntiera. Madankollu, fil-futur ikun hemm ukoll hteġa li d-Direttiva tiġi aġġornata permezz ta' proċedura leġislattiva jekk ikollhom jiżiedu oqsma ġodda ta' reati ambjentali mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Ma hemmx mod aktar sempliċi biex dan isir, minħabba li d-definizzjonijiet tal-kategoriji ta' reati ambjentali huma komponent essenzjali tad-Direttiva u jeħtieġu deċiżjoni mil-leġiżlatur Ewropew.

Taħt l-**objettiv 2**, kemm il-kriminalità tal-ipperikolar u l-kriminalità li teħtieġ il-manifestazzjoni tal-ħsara huma meħtieġa biex jirrispondu adegwatament għar-reati ambjentali. Id-Direttiva attwali hija mibnija fuq kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ tipi ta' definizzjoni tal-kriminalità. Il-proposta se jkollha żżid kategoriji ta' kriminalità tal-ipperikolar u tispeċifika b'aktar preċiżjoni liema mġiba hija kriminalizzata; se jkollha wkoll iżżid informazzjoni li tippermetti li jiġi determinat x'jista' jikkostitwixxi ħsara ambjentali.

Definizzjonijiet aktar preċiżi ta' termini mhux ċari – bħal "*ħsara sostanzjali*" u "*kwantità negliġibbli jew mhux negliġibbli*" – se ttejjeb iċ-ċarezza tad-Direttiva. L-enfasi fuq il-kriminalità tal-ipperikolar u l-imġiba riskjuża se tippermetti sanzjonar effettiv f'każijiet fejn ikun diffiċli li tiġi stabbilita l-ħsara reali jew meta ma tkun seħħet l-ebda

ħsara. Għaldaqstant, l-applikazzjoni kkombinata taż-żewġ għażliet tista' twassal għal aktar effettività tal-investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet tar-reati ambjentali.

L-għażla ppreferuta taħt l-**objettiv 3** se twassal għal livelli ta' sanzjonijiet aktar effettivi, proporzjonati, dissuazivi u uniformi madwar l-UE u fil-prattika madwar l-UE. Barra minn hekk, il-livelli massimi minimi tas-sanzjonijiet ta' priġunerija se jagħtu lill-prattikanti tal-infurzar tal-liġi aċċess għal għodod investigattivi li huma disponibbli biss għal reati kastigabbli b'ċertu livell massimu minimu ta' penali. Dan se jwassal għal investigazzjonijiet aktar effettivi u jiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera.

Il-miżuri skont l-**objettiv 4** se jrawmu direttament il-kooperazzjoni transfruntiera, jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin, u jwasslu għal investigazzjonijiet li huma aktar effettivi, minħabba li ħafna każijiet ta' reati ambjentali jistgħu jitwettqu b'suċċess biss jekk isiru b'mod transfruntier.

L-għażla ppreferuta taħt l-**objettiv 5** se twassal għal standard minimu definit komunement għall-ġbir tad-*data* dwar il-proċeduri tar-reati ambjentali u għalhekk għal *data* li hija kumparabbli madwar l-UE.

Il-pakkett ta' miżuri propost taħt l-**objettiv 6** se jkollha influwenza pożittiva fuq l-effettività reali fil-livelli kollha tal-katina tal-infurzar (spetturi, pulizija, prosekuzzjoni, imħallfin tal-kriminal). se

X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, apparti minn dawk ewlenin)?

Il-proposta attwali għandha implikazzjonijiet baġitarji negliġibbli, kemm għall-Istati Membri, kif ukoll għall-Kummissjoni. L-informazzjoni speċifika dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-Kummissjoni tista' tinstab fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva meħmuża ma' dan il-pakkett leġiżlattiv.

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni għandha żewġ tipi ta' spejjeż: ta' darba, u rikorrenti.

L-ewwel implikazzjonijiet finanzjarji għall-Kummissjoni huma marbutin mal-ħames objettiv tar-reviżjoni: it-titjib tal-ġbir tad-*data* statistika u tar-rapportar dwar ir-reati ambjentali. L-ispiża totali hija maqsuma fi tliet tipi ta' nefqa:

- Definizzjoni tal-istandards minimi: madwar EUR 110 000 (spiża ta' darba)
- Manutenzjoni tal-istandards: madwar EUR 16 000 (spiża rikorrenti)
- Rapport biennali dwar id-*data* tal-Istati Membri mill-Kummissjoni: madwar EUR 25 000 (spiża rikorrenti)

Minbarra l-kostijiet konnessi mal-ħames objettiv tar-reviżjoni, il-Kummissjoni se jkollha bżonn tipprovdi wkoll għal tip ieħor ta' spiża ta' darba, dak tal-obbligi ta' rapportar tagħha. Il-proposta leġiżlattiva tgħid li l-Kummissjoni se jkollha tipproduċi żewġ rapporti:

- it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva mill-Istati Membri: se tiswa EUR 405 000 (spiża ta' darba)
- Studju dwar l-effettività tad-Direttiva b'ċerta serje ta' indikaturi: se jiswa madwar EUR 420 000 (spiża ta' darba)

Stati Membri

L-implikazzjonijiet finanzjarji tad-Direttiva għall-Istati Membri huma marbutin ma' tliet objettivi tar-reviżjoni: it-titjib tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni effettivi bejn l-Istati Membri (objettiv 4), it-titjib tal-ġbir tad-*data* statistika u r-rapportar dwar ir-reati ambjentali (objettiv 5) u t-titjib tal-operat effettiv tal-katina tal-infurzar (objettiv 6).

Rigward l-objettiv 4, l-ispejjeż għall-Istati Membri kollha għandhom żewġ elementi: l-ispiża tal-għodod investigattivi u l-ispiża li jiġu mwaqqfa l-punti ta' kuntatt nazzjonali.

- Għodod ta' investigazzjoni: ma kienx hemm *data* disponibbli biex tkun tista' ssir l-ewwel valutazzjoni tal-ispiża
- Stabbiliment ta' punti ta' kuntatt nazzjonali: l-ispiża għall-Istati Membri kollha se tvarja minn EUR 475 000 u EUR 792 000

Rigward l-oġġettiv 5, bosta tipi ta' spejjeż għall-Istati Membri jistgħu jiġu identifikati:

- Stabbiliment ta' proċedura ta' koordinazzjoni nazzjonali: tkun tqum EUR 146 000 għall-Istati Membri kollha
- Definizzjoni tal-istandards minimi: tkun tqum EUR 281 000
- Il-manutenzjoni ta' dawn l-istandards għall-Istati Membri kollha: din għandha tqum EUR 35 000.
- Koordinazzjoni, għbir u rapportar: se tqum EUR 220 000 għall-Istati Membri kollha

Rigward l-oġġettiv 6:

- L-ispejjeż ta' taħriġ għall-Istati Membri kollha se jkunu ta' madwar EUR 8 000 000
- L-istrateġiji nazzjonali
 - Spiża ta' darba ta' madwar EUR 864 000 għall-Istati Membri kollha
 - Spiża rikorrenti ta' madwar EUR 324 000 għall-Istati Membri kollha
- Iż-żieda fil-persunal marbuta ma' din id-Direttiva hija stmata għal EUR 4 miljun għall-Istati Membri kollha.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

In-negozji aktarx se jibbenefikaw minn infurzar effettiv tal-liġi, għax dan se jipproteġihom mill-kompetizzjoni inġusta minn negozji li jkunu qed joperaw illegalment. Bl-istess mod, il-ħsara għar-reputazzjoni għal industrija sħiħa li tista' tinholq mill-attività kriminali se titnaqqas għan-negozji konformi. L-infurzar effettiv tal-liġi kriminali ma jgħallix piż finanzjarju addizzjonali, minħabba li l-kostijiet tal-konformità jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni settorjali, u mhux mid-Direttiva.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Se jkun hemm żieda moderata fil-piżijiet u l-ispejjeż amministrattivi minħabba l-għbir tad-*data* statistika u l-ispejjeż tal-unitajiet u t-taħriġ tul il-katina tal-infurzar. Ir-reviżjoni tad-Direttiva għandha l-mira li trawwem katina tal-infurzar aktar effettiva. Din hija mistennija twassal għal żieda fil-każijiet li jinqabdu u li jiġu investigati effettivament u kkundannati. Dan imbagħad min-naħa tiegħu jista' jwassal għall-ħtieġa li jiġu impjegati jew trasferiti ħaddiema addizzjonali (pulizija u prosekuturi) għall-qasam tal-infurzar tal-liġi tar-reati ambjentali.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

It-tnaqqis tar-reati ambjentali mistenni li jkun ta' benefiċċju għas-saħħa (pereżempju permezz ta' anqas tniġġis), l-ekonomija (permezz tat-tnaqqis tal-kompetizzjoni inġusta u t-telf ta' taxxa), u l-bijodiversità. L-inizjattiva aktarx ikollha impatt pożittiv fuq id-drittijiet fundamentali permezz ta' titjib tal-protezzjoni ambjentali (l-Artikolu 37 tal-Karta) u titjib fl-oqsma tad-dinjità, tas-saħħa u tal-benesseri (l-Artikoli 1, 2, 3, 24, 31, 34, 35).

Proporzjonalità?

F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-miżuri proposti ma jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġġettivi. L-għażliet ippreferuti skont l-oġġettivi 4, 5 u 6 ikunu jinvolvu spejjeż għall-Istati Membri, iżda jtejbu wkoll il-protezzjoni effettiva tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali. Kollox ma' kollox, il-bilanċ tal-għażliet ippreferuti huwa pożittiv, minħabba li r-riżultat se jkun impatti pożittivi fuq l-ambjent innifsu, kif ukoll fuq l-ekonomija u s-soċjetà.

D. Segwitu

Minbarra li tipproduċi rapporti regolarmet abbażi tal-istatistika pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni se tevalwa l-implimentazzjoni tal-inizjattiva biex tivvaluta jekk ikunx inkisbu l-oġġettivi ta' politika.